



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.2.2013
COM(2013) 93 final

2013/0055 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Ħdax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnhom, fir-rigward tal-emendi fil-lista ta' skart inkluża fl-Anness IX (il-Lista B) ta' din il-Konvenzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnhom, li saret fit-22 ta' Marzu 1989 (il-“Konvenzjoni ta' Basilea”), tistabbilixxi proċedura ta' kontroll għall-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-iskart ta' riskju bejn il-Partijiet. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1992 u issa torbot 175 Parti. L-UE hija waħda mill-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea.
2. Il-proċedura sabiex jiġu emendati l-annessi tal-Konvenzjoni ta' Basilea hija rregolata mill-Artikoli 17 u 18 tal-Konvenzjoni. Kwalunkwe emenda proposta għandha ssir minn Parti u tiġi kkomunikata mis-Segretarjat lill-Partijiet kollha tal-inqas sitt xhur qabel il-laqgħa li fiha tiġi proposta għall-adozzjoni. Kwalunkwe emenda ta' dan it-tip għandha tiġi adottata waqt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet u tista' tidħol fis-seħħ sitt xhur wara d-data li fiha d-Depożitarju jkun ħareġ notifika permezz ta' ċirkolari.
3. L-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basilea fih lista tal-iskart. L-iskart elenkat mhux se jkun kopert mill-paragrafu 1(a) tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni u għalhekk mhuwiex meqjus bħala "skart ta' riskju" għall-fini tal-Konvenzjoni, sakemm ma jkunx jinkludi l-materjal tal-Anness I sal-punt li jwassal biex dan jimmanifesta karatteristika tal-Anness III. L-Anness I jelenka l-kategoriji ta' skart li għandu jiġi kkontrollat (flussi ta' skart) u l-kostitwenti tal-iskart. L-Anness III jinkludi lista ta' karatteristiċi ta' riskju.

Il-ħames applikazzjonijiet li ġejjin għal entrati ġodda fl-Anness IX (il-Lista B) tal-Konvenzjoni ta' Basilea ġew sottomessi f'Jannar u fi Frar tal-2011:

- (a) Il-frazzjoni ta' plastik li ma tistax tiġi sseparata mill-pretrattament ta' imballaġġi ta' likwidi użati;
- (b) Skart ta' laminat ta' tikketti adeżivi sensitivi għall-pressjoni li jkun fih materja prima fil-produzzjoni tal-materjal tat-tikketti li ma tkunx koperta mill-entrata B3020 fl-Anness IX;
- (c) Il-frazzjoni ta' aluminjoplastik li ma tistax tiġi sseparata mill-pretrattament ta' imballaġġi ta' likwidi użati;
- (d) Skart bijodegradabbli nadif mill-agrikoltura, l-ortikoltura, il-forestrija, il-ġonna, il-parks u ċ-ċimiterji;
- (e) Imballaġġ kompost li jinkludi l-aktar karti u xi plastik, li ma jkunx fih residwi u li mhux kopert bl-entrata B3020 fl-Anness IX.

4. L-entrati tal-iskart li jidhru hawn fuq żdiedu mal-Anness IIIB tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart¹, fuq bażi provviżorja sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-inklużjoni tagħhom fl-Anness IX (il-Lista B) tal-Konvenzjoni ta' Basilea. Din id-deċiżjoni ġiet adottata permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 135/2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 biex jinkludi ċertu skart mhux klassifikat fl-Anness IIIB tiegħu².

¹ ĠU L 190, 12.7.2006, p.1

² ĠU L 46, 17.2.2012, p.30.

5. Il-Grupp ta' Ħidma b'Mandat Indeterminat (OEWG), fit-tmien laqgħa tiegħu li saret fil-25-28 ta' Settembru 2012, ħa nota tal-emendi proposti. Wara li saru diskussjonijiet dwar dawn il-proposti, l-OEWG, fil-paragrafu 2 tad-deċiżjoni tiegħu OEWG-8/6, qabel li fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea jippreżenta l-abbozz ta' entrati li ġej għall-Anness IX tal-Konvenzjoni, sabiex dan jiġi kkunsidrat matul il-Ħdax-il Laqgħa tagħha f'Mejju 2013 (COP-11):

"B3075 L-iskart tal-bijomassa naturali bbażat fuq il-pjanti mill-agrikoltura, l-ortikultura, il-forestrija, il-ġonna, il-parks u ċ-ċimiterji li ma fihx materjali tal-Anness I f'konċentrazzjonijiet biżżejjed biex jimmanifesta karatteristiċi tal-Anness III u li ma fihx speċijiet invażivi".

Fil-paragrafu 3 tad-deċiżjoni OEWG-8/6, l-OEWG ħa nota wkoll tal-abbozz ta' entrati alternattiv possibbli li ġej għall-Anness IX tal-Konvenzjoni, li għandu jiġi kkunsidrat mis-COP-11 u li fih erba' mill-proposti jistgħu jingħaqdu, filwaqt li jiġi nnutat li l-emenda proposta fuq l-iskart ta' laminat tat-tikketti tista' tiġi integrata jew le:

"B3025 Imballaġġ kompost li [prinċipalment] jikkonsisti minn karti, plastik u aluminju [u frazzjonijiet li fihom dawn il-materjali] mill-pretrattament ta' tali imballaġġ [, inkluż [adeżiv sensitiv għall-pressjoni] skart ta' laminat tat-tikketti], li ma fihx residwi u lanqas materjali tal-Anness I f'konċentrazzjonijiet biżżejjed biex ikunu manifestati karatteristiċi tal-Anness III".

6. COP-11 tista' tiddeċiedi li fl-Anness IX (il-Lista B) tal-Konvenzjoni tinkludi, kwalunkwe entrati ta' skart proposti fl-applikazzjonijiet ta' hawn fuq, jew kwalunkwe entrata ta' skart imressqa mill-Grupp ta' Ħidma b'Mandat Indeterminat (OEWG) fit-tmien laqgħa tagħhom, jew kwalunkwe entrata ta' hawn fuq li fiha l-emendi.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Ħdax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnhom, fir-rigward tal-emendi fil-lista ta' skart inkluża fl-Anness IX (il-Lista B) ta' din il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 191(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnhom daħlet fis-seħħ fl-1992.
- (2) Skont l-Artikoli 17 u 18 tal-Konvenzjoni ta' Basilea, l-emendi għal din il-Konvenzjoni għandhom jiġu adottati f'laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet.
- (3) Ħames applikazzjonijiet għal entrati ġodda fl-Anness IX (il-Lista B) tal-Konvenzjoni ġew sottomessi f'Jannar u fi Frar tal-2011. Dawn l-entrati żdiedu, fuq bażi provviżorja sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-inklużjoni tagħhom fl-Anness IX (il-Lista B) tal-Konvenzjoni, mal-Anness IIIB tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart³ permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 135/2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 biex jinkludi ċertu skart mhux klassifikat fl-Anness IIIB tiegħu⁴.
- (4) Wara li kkunsidra l-proposti sottomessi, il-Grupp ta' Ħidma b'Mandat Indeterminat (OEWG), fit-tmien laqgħa tiegħu li saret fil-25-28 ta' Settembru 2012, qabel li fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea jippreżenta żewġ abbozzi ta' entrati fl-Anness IX tal-Konvenzjoni sabiex dawn jiġu kkunsidrati.
- (5) Il-Ħdax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea tista' tiddeċiedi li fl-Anness IX (il-Lista B) tal-Konvenzjoni tinkludi kwalunkwe entrata ta' skart proposta fl-applikazzjonijiet ta' hawn fuq, jew kwalunkwe entrata ta' skart imressqa mill-Grupp ta' Ħidma b'Mandat Indeterminat (OEWG) fit-tmien laqgħa tiegħu, jew kwalunkwe entrata ta' hawn fuq li fiha l-emendi.

³ ĠU L 190, 12.7.2006, p.1

⁴ ĠU L 46, 17.2.2012, p.30.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Ħdax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea għandha tkun dik li fl-Anness IX (il-Lista B) tal-Konvenzjoni tiġi inkluża kwalunkwe entrata ta' skart kif propost fl-applikazzjonijiet sottomessi, jew kwalunkwe entrata ta' skart imressqa mill-Grupp ta' Ħidma b'Mandat Indeterminat (OEWG) fit-tmien laqgħa tiegħu, jew kwalunkwe entrata ta' hawn fuq li fiha emendi xierqa.

Jista' jsir qbil dwar bidliet żgħar f'din il-pożizzjoni mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Ħdax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Wara li tiġi adottata, id-Deċiżjoni tal-Ħdax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea fir-rigward tal-emendi tal-Anness IX (il-Lista B) tal-Konvenzjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ [...].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President